# 200 Sena: Ħajja ta' Flimkien u ta' Qadi

1817 – 14 ta' Settembru – 2017



# Fittixtek - Sibtek - Ħabbejtek

Provinċja Agostinjana Maltija



Habbe
Fitt
Hab
Sib
Fittixtek

# *Il-Werrej*


Riflessjoni tal-Provinċjal 6

Qtar mill-istorja 14

Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja 22

Preżenzi tagħna f'Malta,
f'Għawdex u barra minn xtutna 42

Sibte
Habbejte
Fittixte
Sibtek
Habbe
Fitti
Hab
Sib
Fittixtek



# *Riflessjoni tal-Provinċjal*

## Il-ħolma li welldet qalb... qalb li llum għadha ħajja, tbaqbaq, sabiħa!

13 ta' Novembru 354. F'Tagaste (*Souk-Ahras*) fl-Afrika Rumana jitwieled Wistin iben Patrizju, pagan, u Monika, nisranija qaddisa. Wistin żgħir kien ġa milqugħ fil-katekumenat u ngħata s-sinjal tal-melħ. Iktar tard hu stess kiteb: "*Isem Ġesù... il-qalb ċkejkna tiegħi xorbitu bit-tjieba ma' ħalib ommi u żammitu fis-sħiħ." (Stqarrijiet III,4*). Fuq Wistin ta' Ippona kulħadd jaf... min ftit... min ħafna! Kemm-il darba ħsibt f'twelidu jien! Dakinhar ma twelidx biss Wistin... imma twieldet... ħolma! Ħolma... ħafna ikbar minnu. Għal bosta persuni hu ġgant fil-ħsieb... li hu... imma f'qalbi dejjem rajtu l-bniedem innamrat... innamrat ma' Alla, mal-ħajja, mal-imħabba, mal-ħbieb, mal-verità, mal-ħelsien. F'ħajtu terraq ħafna, staqsa ħafna, fittex ħafna, ipprova minn kollox. Imma mbagħad sab... sab lil dak li dejjem fittex... lil Alla... dak li kif stqarr hu stess... *'ħabbat mal-ħġieġ ta' ħajtu'*. Imma xorta l-vjaġġ tiegħu komplieh, għax fi kliemu stess tajjeb li wieħed "*jfittex biex jiskopri... imma meta tiskopri... kompli fittex*" (*De Trinitate*). Lil Alla ħabbu b'imħabba ta' poeta... passjonali! Imbagħad induna li dak li sab u skopra... ma setax iżommu għalih. Ried ikompli jgħixu f'ħajja ma' aħwa oħrajn (*Cor unum*). Din ukoll kienet ħolma... waħda mill-ħafna li kellu... xtaq li ħbieb u aħwa jgħixu flimkien biex ifittxu lil Alla (*Regola 1.2*), billi jħobbuh flimkien u jgħadduh bil-ferħ lill-oħrajn. Wistin imut fit-28 ta' Awwissu 430 f'dak li hu meqjus bħala t-tielet xahar tal-assedju tal-Vandali.

**Dakinhar ma twelidx biss Wistin... imma twieldet... ħolma! Ħolma... ħafna ikbar minnu**

Jibda għaddej iż-żmien... jibdew jgerbbu s-snin! Persuni minn kull qasam tal-ħajja wkoll saru parti mill-vjaġġ u l-ħolma tiegħu. Bħalma ġara fil-bidu (*meta Ġesù kien*



*miet*)... ġara wkoll ma' Wistin! Dawk li għexu miegħu kienu jafu fiex emmen Wistin u x'kien dak li ħabb. Qraw dak li kiteb... fost dawn l-Istqarrijiet tiegħu. Ir-raġunijiet għalfejn kitibhom Wistin huma ħafna... letterarji, filosofiċi, storiċi... żgur li fihom ried jaqsam il-vjaġġ ta' ħajtu. Infatti kif kiteb hu stess... "*l-ewwel għaxar kotba kienu jitħaddtu dwaru u t-tlieta l-oħra jitħaddtu dwar il-Kotba Mqaddsa*." (*Retractationes II, 6*) Kien kitibhom 14-il sena wara l-konverżjoni tiegħu meta kellu xi 46 sena... meta kien ilu diġà 9 snin saċerdot u 5 snin Isqof. Ħaga tal-iskantament kif, mingħajr ma għamel xi disa' snin formazzjoni, kien sar jaf daqshekk 'il ġewwa l-Aħbar it-Tajba tal-Iskrittura kif ukoll sar midħla tal-filosofija u tat-teoloġija nisranija. Il-fatt hu, li kemm

meta kien għadu ħaj kif ukoll wara mewtu... l-istess ħajja li għex u xtaq Wistin, bdew jgħixuha oħrajn ukoll... fil-bidu min waħdu u ġieli fi gruppi sakemm seħħ dak li nistgħu ngħidulu t-'twaqqif' (*fundazzjoni*) tal-Ordni Agostinjan... l-ewwel fl-1244 (*Parva Unio*) u wara ġie mkabbar fl-1256 (*Magna Unio*). Kienu magħrufa bħala l-Aħwa Eremiti ta' Santu Wistin. Hi xi ħaġa mill-iktar profonda li f'dawn is-sekli kollha r-*Regola* (*miktuba minn Santu Wistin fis-sena 397*) baqgħet ir-rabta distintiva u l-ispirazzjoni ewlenija bejn il-qalb u l-moħħ ta' Wistin u l-ħajja li għexu dawk kollha li xtaqu jkompli jimxu warajh.

Ikompli jgħaddi ż-żmien... ninsabu lejn tmiem is-Seklu XIV. Il-ħolma ta' Wistin tersaq lejn ġensna. L-irħieb Agostinjani jiġu Malta... u minn hemm tkompli l-ħolma ta' Wistin: il-missier spiritwali tagħna... issa tant qribna, fostna, f'artna. Din il-ħolma għexuha tant reliġjużi li b'imħabbithom, b'ħidmithom u bix-xhieda tagħhom żguraw li din il-qalb tibqa' tgħix u ddawwal il-ħajja ta' bosta persuni. Bnew kunventi, knejjes imma l-iktar... bnew komunitajiet... komunitajiet mibnija fuq il-Kelma ta' Alla li kienet l-istess ispirazzjoni ta' Wistin. Għamlu dan f'pajjiżna u barra minn xtutna. Sakemm wasal il-jum tal-14 ta' Settembru 1817 meta minn Ruma nkisbu d-digrieti sabiex titwaqqaf uffiċjalment il-Provinċja Agostinjana Maltija.



Din is-sena xtaqna li nfakkru din il-ġrajja... imma iktar mill-'awtonomija' li ksibna, nixtiequ nfakkru l-ħolma ta' Wistin: ħajtu, l-esperjenza tiegħu, dak li emmen, għex u għallem, il-mixja li għamel fih nnifsu u ma' oħrajn... dawn kollha nixtiquhom jibqgħu jgħixu. Inħarsu lura... lejn dak li Alla għamel fina u permezz tagħna. Mhix ħarsa ta' nostalġija... iktar hi ħarsa ta'



ringrazzjament u ta' barka. Nagħraf kemm fil-passat tagħna kien hemm aħwa ('tagħna') fostna li ngħataw, taw ħajjithom kollha f'artna u barra minn xtutna, kemm dawl, kemm ġenerożità, kemm sagrifiċċji fis-skiet, kemm xhieda sabiħa u qaddisa, kemm servizz. Nagħraf kemm ħutna stinkaw, kemm baqgħu sodi quddiem kull saram, kemm afdaw fl-abbundanza tal-Providenza ta' Alla. Nemmnu li llum qed igawdu lil Dak li biex tarah *"jeħtieġlek is-skiet"* (*Kummentarju tal-Vanġelu ta' San Ġwann 17,11*).

Imma nħares lejna llum u lejn dak li nixtiequ nkomplu nkunu fil-ġejjieni. Inħares lejn ħuti kollha u lejn tant persuni li magħna jaqsmu u jgħixu l-istess ideal. U



għadni nara tant imħabba, passjoni kbira, ħeġġa bla limiti. Għadna bennejja ta' komunitajiet... forsi bla storbju... kif għandu jkun... imma ż-żerriegħa hemm hi... nagħrafha u naf li Alla Sid il-ħsad, għad ikabbar meta u kif jaf hu l-aħjar. Nara fil-komunitajiet tagħna xewqa kbira li jkun hemm adorazzjoni vera u awtentika lejn Alla u lejn xulxin. U nara fostna impenn qawwi u dinamiku ta' servizz ġeneruż lejn tant persuni, f'bosta postijiet u okkażjonijiet.

F'qalbi... lil Wistin inħobbu hekk... għal din il-ħolma li welled! Nammirah għax baqa' ċkejken u veru miegħu nnifsu. Baqa' jimxi u jikkonverti sal-aħħar. Il-konverżjoni tiegħu kienet twila... mixja b'ħafna tidwir, waqfien, waqgħat u mixi lura... tista' ssejħilhom 'ħafna' konverżjonijiet. Il-Papa Emeritu Benedittu XVI li wkoll ħabb ħafna lil Wistin... jgħid li Wistin kellu tliet 'konverżjonijiet': (i) Hemm il-mixja twila ta' Wistin minn tfulitu ma' ommu Monika sal-'konverżjoni tal-ġnien f'Milan'; (ii) hemm il-bidla li aċċetta f'ħajtu meta ssagrifika l-ħolma tiegħu li jagħti ħajtu għal kollox għall-ġabra f'monasteru ma' komunità, biex ikun ta' servizz lill-Knisja bħala saċerdot u isqof; u (iii) hemm il-mument meta fil-missjoni tiegħu bħala saċerdot u isqof, intebaħ li ma kien se jasal qatt biex id-diskors tal-Muntanja se jkun mexa fuqu kollu u kellu jgħix konverżjoni bla waqfien.

**Għadna bennejja ta' komunitajiet... forsi bla storbju... kif għandu jkun... imma ż-żerriegħa hemm hi... nagħrafha u naf li Alla Sid il-ħsad, għad ikabbar meta u kif jaf hu l-aħjar**

Kemm-il darba ħsibt f'dan kollu u nħoss li forsi aktarx din hi l-ikbar eredità li għandna tiegħu u li jekk rridu nibqgħu fidili lejn l-ewwel ħolma tiegħu... hu *dan* l-iktar aspett li rridu nibżgħu għalih. Għalina llum u għall-futur li ħadd minna ma jaf, jien nemmen li l-iktar vokazzjoni naturali tagħna hi li aħna nibqgħu viċin kull bniedem li miexi, li qed jistaqsi, li qed ifittex. M'għandniex ikollna għaġla biex infittxu ir-risposti. Id-domandi għandhom ċertu ritmu tagħhom kif jaħdmu ġo fina u maż-żmien iħallu l-frott. Hi din il-mixja li Wistin għamel fih innifsu, ma' ħutu u ma' tant persuni li tagħhom kien ragħaj ħanin.

Kien hemm mumenti meta f'qalbi staqsejt lili nnifsi jagħmilx sens li tfakkar ġrajjiet ta' tant snin ilu. Imma mbagħad, kull darba li noħlom f'Wistin f'qalbi, fhimt li nkunu qed nonqsu jekk ma nagħmlux hekk. Aħna mhux qed infakkru sempliċiment storja, proġetti u ħidma – li ġustament tassew jistħoqqilkom kull ġieħ – imma qed infakkru din il-ħolma li welldet qalb... qalb li llum għadha ħajja, tbaqbaq... tant sabiħa.

Din il-ħolma jisimha Wistin... għalija mhux biss Missier Spiritwali... imma wkoll ħija l-kbir, l-iktar ħuna magħruf, il-poeta, il-profeta, dak li qanqal tant kuxjenzi, bniedem ta' fidi, bniedem ta' Alla, ħabib ta' kulħadd.

Lil ħuti kollha, li dawk li jaqsmu magħna dan l-ispirtu nawgura li nkomplu nibqgħu nixbhuh u bħalu nkunu nies mimlija ('tqal') b'Alla, mimlija dawl, mimlija ferħ. Bħal Wistin... *Mulej: aħna rridu nibqgħu nfittxuk, nixtiequ nkomplu nsibuk u nagħrfuk... imma fuq kollox rridu nkomplu nħobbuk dejjem iktar. Ammen.*

Patri Raymond Francalanza OSA
Provinċjal

Sibt
Habbejt
Fittixtek





*Qtar mill-istorja*

# L-Agostinjani f'Malta u lil hinn minnha...

Il-wasla tar-reliġjużi Agostinjani fil-gżejjer tagħna tmur lura sewwa fiż-żmien. S'issa ħadd ma jista' jgħid b'ċertezza meta l-Agostinjani waslu Malta. Madana-kollu nistgħu nqisu li l-ewwel għeruq tal-preżenza tagħhom teħodna lura għat-tieni nofs tas-seklu XIV, għax dan hu l-perjodu li s-sorsi storiċi jindikaw. L-Ordni tal-Aħwa Eremiti ta' Santu Wistin, jew kif magħrufa llum, l-Ordni ta' Santu Wistin (Agostinjani), kien ilu li twaqqaf bil-ħidma u x-xewqa tal-Papa Innoċenz IV sa mis-sena 1244. Sa mill-bidu tiegħu bosta kienu l-komunitajiet fin-naħa ta' isfel tal-Italja u fi Sqallija. Kien minn hemm li l-ewwel reliġjużi Agostinjani waslu fi gżiritna.



Fil-linja tal-għan li għalih twaqqfu mill-Knisja, l-ewwel insedjament tal-Agostinjani kien qrib il-belt kapitali l-qadima, l-Imdina. Huwa fatt ċert li l-Agostinjani tilfu l-monasteru tagħhom u kulma kienu jippossedu matul l-Assedju Tork tal-1429. Reġgħu bnew kunvent ieħor tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-ħitan tal-Belt tal-Imdina. Dan il-kunvent twaqqa' mill-Maltin f'Lulju 1551 waqt it-theddida ta' assedju ieħor mit-Torok fuq Malta. Ir-raġuni għal dan kienet li l-kunvent kien viċin wisq il-ħitan tal-belt u li t-Torok setgħu jużawh għal skopijiet militari. F'din il-ġrajja l-Agostinjani reġgħu tilfu kollox u sabu rwieħhom jiġġerrew u jittallbu ħobżhom. Tradizzjoni tgħid li s-salib tal-injam fuq kolonna tal-ġebel fil-ġnien ta' quddiem l-Imdina jindika l-post fejn kien jinsab dan il-kunvent.



L-Agostinjani kellhom jistennew sat-28 ta' Awwissu 1555 biex akkwistaw mingħand il-Kapitlu Katidrali l-Kappella żgħira ta' San Mark u ftit djar imġarrfa li kienu jmissu magħha fuq is-Saqqajja, barra l-Imdina. Din id-data hi importanti fl-Istorja tal-Agostinjani f'Malta: meqjusa bħala l-qofol ta' bidu ġdid li mingħajr interruzzjonijiet bniet il-preżenza solida tal-Agostinjani f'Malta u Għawdex li għadha magħna sal-lum. Ir-reliġjużi Agostinjani afdaw ix-xogħol tal-bini tal-kunvent u l-knisja lil Ġlormu Cassar. Il-Knisja, prototip tal-knisja konventwali (*kon-Katidral*) ta' San Ġwann għadna ngawduha

sal-lum, bit-teżori ta' arti li jinsabu fiha. Il-kunvent attwali, ġawhra arkitettonika meqjusa bħala l-aqwa eżempju tal-barokk Malti fl-arkitettura reliġjuża, jeħodna għal nofs is-seklu XVIII u Andrea Belli kien il-moħħ wara din il-kostruzzjoni tant sabiħa. Bil-mod il-mod, il-kunvent 'il barra mill-Imdina sar il-qalb tal-preżenza Agostinjana, il-post tal-formazzjoni u l-iskola filosofika u teoloġika tal-Ordni f'Malta. Kien ingħata t-titlu ta' *conventus maior* u għal żmien twil (1515-1614) il-membri tal-komunità gawdew il-privileġġ rari li jagħżlu l-pirjol tagħhom. Fl-1602, il-Pirjol Ġenerali Ippollitu ta' Ravenna sejjaħlu *domus celeberrima* għax il-fama tiegħu kienet xterdet mal-Ordni kollu. Minn dan il-kunvent ma naqsux nies li ħallew warajhom esperjenza ta' qdusija, l-ewwel fosthom Franġisku minn Malta.



Ħafna reliġjużi li servew barra minn Malta b'mod speċjali fi djar tal-Ordni fl-Italja, kollha bdew l-istudju tagħhom f'dan il-kunvent. Mons. Gejtanu Pace Forno, Arċisqof ta' Malta (1858-1874), Mons. Pawlu Micallef, Pirjol Ġenerali tal-Ordni (1859-1863) u Arċisqof ta' Pisa u Primat ta' Sardinja (1871-1881) u Mons. Giovanni M. Camilleri, Isqof ta' Għawdex (1889-1924) huma ftit fost il-ħafna Agostinjani Maltin li ddistingwew ruħhom u li huma magħrufin għall-għerf u għall-ispiritwalità tagħhom. Fil-kunvent tar-Rabat għex u ħadem il-Kardinal Prospero Grech fiż-żmien li għamel f'Malta qabel ma kompla bil-ħidma tiegħu f'Ruma. Din il-komunità għadha sservi sal-lum bħala d-dar tal-formazzjoni fejn żgħażagħ jagħmlu dixxerniment tas-sejħa li għalihom Alla jkun qed jistedinhom u jirċievu l-formazzjoni meħtieġa sabiex ikunu Agostinjani.

Il-Komunità tar-Rabat kienet il-qalba li minnha ħarġu komunitajiet oħrajn fi gżiritna. Matul



is-sekli l-Agostinjani wessgħu l-preżenza tagħhom f'lokalitajiet diversi: Kunvent Santu Wistin, Victoria (Seklu XV), Kunvent Santu Wistin, Valletta (seklu XVI). Fis-seklu XX twaqqfu l-kunventi ta' Santa Rita f'San Ġiljan, tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb f'Paceville, San Nikola ta' Tolentino f'Ħal Tarxien. Fl-1968, l-Arċisqof M. Gonzi waqqaf il-Parroċċa ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta. Mal-bidu tal-millennju l-ġdid, l-Agostinjani bdew proġett pastorali ġdid f'Paceville: il-*Millennium Chapel* u l-*WOW (Wishing Others Well*) li hu proġett spiritwali u soċjali. Attwalment l-Agostinjani jieħdu ħsieb ukoll il-komunitajiet insara fil-Buskett u minn Jannar 2015 fil-Baħrija, waqt li jaqdu f'diversi skejjel u realtajiet soċjali u reliġjużi.

Fid-diversi kunventi l-Agostinjani xerrdu d-devozzjoni lejn Santa Rita, il-Qaddisa tal-Impossibli u waqqfu diversi gruppi lajkali ta' ispirazzjoni Agostinjana (*Fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura, Ommijiet Insara, Lajċi Agostinjani, gruppi ta' żgħażagħ...*).

L-ispirtu missjunarju huwa element importanti mill-ħajja Agostinjana u r-reliġjużi tagħna ħadmu f'artijiet tal-missjoni. Wieħed minn dawn ir-reliġjużi illustri, iben il-Kunvent ta' San Mark, hu Mons. Fra Emanuele Farrugia (+1770), li wara li temm l-istudji tiegħu fir-Rabat, inħatar Prefett Appostoliku tar-reġjun tal-Indja Portugiża u wara nħatar Vigarju Ġenerali ta' Maliapur fl-Indja.

Fil-bidu tas-seklu XX, il-Patrijiet Agostinjani fl-Irlanda xtaqu li l-Agostinjani Maltin imorru jgħinuhom fil-missjoni tagħhom fl-Awstralja. Bosta patrijiet ħadmu fl-Istati Uniti. Il-preżenza tal-Maltin fl-Alġerija u fit-Tuneżija ġabet magħha ħafna ħidma pastorali minn diversi reliġjużi

Agostinjani... Wara taqbida twila, fl-1930, il-Pirjol Ġenerali Ven. Klement Fuhl akkwista mis-Santa Sede l-awtorizzazzjoni biex l-Ordni jidħol fil-Belt ta' Ippona, l-art li fuqha Santu Wistin serva lill-Knisja bħala isqof. Fuhl ħalla f'idejn il-Provinċja Agostinjana Maltija biex tieħu f'idejha din il-missjoni, fejn baqgħet taqdi sal-2010. Fl-1948, l-Agostinjani ssetiljaw ukoll fit-Tuneżija u baqgħu hemm sal-1981.



Sa mill-1978 ir-reliġjużi Maltin ħadmu fil-kunvent u l-knisja ta' Santu Wistin f'Katanja, servizz li ngħata sal-2006. L-Agostinjani taw qalbhom bil-preżenza missjunarja tagħhom fil-Brażil. Kien f'Diċembru tal-1962 li l-Agostinjani Maltin bdew il-missjoni tagħhom f'din l-art immensa u minn dak iż-żmien sal-lum l-evanġelizzazzjoni u l-ħidma soċjali kienu bla waqfien bl-għajnuna wkoll ta'gruppi missjunarji ta' żgħażagħ li jitilgħu l-Brażil u dan l-aħħar fil-Kenja kull sena. Ħidma li ssir bil-koordinazzjoni tas-Segretarjat għall-Missjonijiet Agostinjani. F'dawn l-aħħar sentejn, id-diversi gruppi Agostinjani li qegħdin f'din l-art ingħaqdu flimkien u għaqqdu provinċja unika Brażiljana. Diversi reliġjużi Agostinjani llum jaħdmu fl-Italja u f'Kuba.

L-Agostinjani f'Malta taw kontribut siewi fl-edukazzjoni tal-poplu Malti. Sa mill-bidu tal-kunvent tar-Rabat kien hemm marbut miegħu t-tagħlim. Fl-1848 il-Provinċja Agostinjana waqqfet dak li llum huwa l-Kulleġġ S. Wistin f'Tal-Pietà u l-Marsa.

Mill-aspett kultura, ta' studju u riċerka fuq il-figura ta' Santu Wistin u t-tradizzjoni Agostinjana, ir-reliġjużi Agostinjana taw il-kontribut tagħhom permezz tal-Istitut Agostinjan għall-Istudji u Riċerka, imwaqqaf formalment fl-1986 bl-għan li jxerred it-tagħlim ta' Santu Wistin u l-wirt kulturali Agostinjan. Sabiex il-poplu Malti jduq mill-għana kotran tal-għerf u t-tagħlim teoloġiku u spiritwali ta' Santu Wistin, inbeda proġett ta' traduzzjoni għall-Malti tal-kitbiet ta' dan l-akbar fost id-Dutturi tal-Knisja.

Wara diversi tentattivi matul is-seklu XVIII sabiex l-Agostinjani Maltin jinqatgħu minn dawk ta' Sqallija li fuqhom kienu għadhom jiddependu, kien fl-14 ta' Settembru tal-1817 li minn Ruma nkisbu d-digrieti sabet titwaqqaf uffiċjalment il-Provinċja Agostinjana Malta li tqiegħdet taħt il-patroċinju tal-Evanġelista San Mark. Dan kien ifisser, fost l-oħrajn, li l-kunventi Maltin kisbu ċerta awtonomija u setgħu jeleġġu lis-superjur immedjat tagħhom, ikunu preżenti fil-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni. Kisbu wkoll id-dritt li jiċċelebraw dak li jissejjaħ Kapitlu Provinċjali li fih ikunu diskussi u deċiżi l-aspetti ta' ħidma u apostolat li l-aħwa tal-Provinċja jqisu li jkun l-aħjar li jsiru għas-servizz tal-Knisja.

Illum, tant snin wara dan kollu... dan il-vjaġġ ikompli... bl-istess imħabba u bl-istess spirtu ta' servizz, waqt li b'tama kbira fl-abbundanza ta' Alla nixtiequ nkomplu nesperimentaw il-futur.

Sibt
Habbejt
Fittixtek





*Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja*

# Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja

**2016 - 14 ta' Settembru - 2017**

## Settembru 2016

**7/9:** **Press Conference**: Kunvent ta' San Mark – Rabat. Il-Provinċjal jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Media f'pajjiżna biex iħabbar l-isfond u l-programm kollu ta' din is-sena Bi-Ċentinarja.

**14/9:** **Ftuħ Uffiċjali tas-sena Bi-Ċentinarja waqt Quddiesa Solenni mmexxija mill-Provinċjal Patri Raymond Francalanza OSA flimkien mal-aħwa kollha tal-Provinċja**. Mistiedna f'din il-quddiesa r-reliġjużi kollha li jinsabu fir-Rabat u l-Imdina, ħutna s-sorijiet Agostinjani flimkien mal-lajċi kollha li jgħixu fl-ambjenti kollha fejn ninsabu u li jaqsmu magħna l-kariżma u l-ispiritwalità tagħna.  Janima l-kant waqt din l-Ewkaristija l-Kor *New Choral Singers* taħt it-tmexxija ta'  Shirley Helleur. *Fi tmiem il-quddiesa ssir l-Inawgurazzjoni ta' Lapida mal-Kunvent tar-Rabat li tfakkar din il-ġrajja.*

**30/9:** **Akkademja Mużiko-Letterarja: Kunvent Santu Wistin – Għawdex.** Janima l-Kor u l-Orkestra *Stella Maris* mmexxi minn Mro Carmel Peter Grech. F'din l-akkademja se jkun imfakkar it-350 sena mit-twaqqif tal-Knisja. (1666-2016)

Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar, ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) il-Festa Sekondarja tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Belt (4/9), (b) il-Festa ta' San Nikola ta' Tolentino f'Ħal Tarxien (24/9), u (ċ) il-Ftuħ tas-sena akkademika tal-Kulleġġ Santu Wistin fil-Pietà u fil-Marsa (19-22-23/9).





# Ottubru 2016

**5/10: Pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena u b'Ringrazzjament lil Ommna Marija – Protettriċi tal-Ordni Agostinjan**. Post: Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

**10/10: Ftuħ tal-post il-ġdid li l-Provinċja se toffri biex tilqa' fiha persuni refuġjati u persuni oħra fi bżonn**. Il-Provinċja se tkun mhux biss qed toffri 'post' imma se takkumpanja b'kull mod lil dawn il-persuni.

**14/10: Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Kwadru ta' Santu Wistin ta' Mattia Preti tal-Kunvent ta' San Mark - Rabat.** Din hi pittura mill-isbaħ ta' Mattia Preti. (*1694 – Oil on Canvas 269.5cm x 191cm).* Hemm riflessjonijiet storiċi dwar dan il-kwadru kemm fil-ktieb *Caravaggio to Mattia Preti, Baroque Painting in Malta, tal-*Profs Keith Sciberras, kif ukoll fil-ktieb riċenti *Vetustior Glorior* ta' Patri Mark Cauchi OSA u Dr Simon Mercieca.

**31/10: Quddiesa u żjara lill-oqbra tal-Provinċja fiċ-ċimiterju tal-Addolorata** li matulha jiġu mfakkra l-aħwa mejtin kollha tal-Provinċja.

Fuq bazi lokali f'dan ix-xahar, ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) il-Ftuħ tas-sena studji fl-Istitut Agostinjan u ċ-Ċentru għall-Istudji Agostinjani u r-Riċerka f' Tal-Pietà (7/10), (b) l-20 anniversarju saċerdotali ta' Patri Alex Cauchi OSA (16/10 – il-Belt), (ċ) iċ-Ċerimonji tal-għoti tal-*Awards* fil-Kulleġġ Santu Wistin (26-28/10), l-Inawgurazzjoni tal-programm '*Pass Pass'* dwar l-inizjattiva edukattiva li l-komunità ta' Ħal Tarxien bdiet toffri f'dawn l-aħħar sentejn (28/10), u (d) il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura fir-Rabat (29/10).

# Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja

## 2016 - 14 ta' Settembru - 2017

## Novembru 2016

**3/11: Ni**ċċelebraw Jum il-Vokazzjonijiet u matul l-istess ċelebrazzjoni jsir **it-tiġdid tal-wegħdiet**. Din iċ-ċelebrazzjoni nagħmluha ma' ħutna s-Sorijiet Agostinjani. (Post: Monasteru Klawstrali ta' Santa Katarina – il-Belt)

**7-12/11: Ġimgħa Vokazzjonali Agostinjana** organizzata mill-Kummissjoni Vokazzjonali tal-Provinċja.

**Isiru l-irtiri tal-Avvent fil-Kunvent tagħna kif ukoll isir l-Ewwel Irtir annwali**.

Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) L-Inawgurazzjoni tal-Monument ta' Santu Wistin fis-settur primarju tal-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Marsa (11/11) flimkien ma' Ġimgħa Agostinjana fiż-żewġ skejjel, (b) tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Martin fiż-żona pastorali tal-Baħrija (12/11), li l-Provinċja tagħna bdiet tieħu ħsieb f'Jannar 2015 u (c) Il- Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja se torganizza mument ta' formazzjoni bit-tema: *"Il-kontribut tal-Agostinjani lill-Knisja u lis-soċjeta' f'Malta matul is-snin."* (23/11).





## Diċembru 2016:

**7/12: Inawgurazzjoni tal-Lapida ħdejn is-Salib fil-ġnien ta' quddiem l-Imdina** fejn, li t-tradizzjoni żammet bħala l-post fejn l-aħwa [il-patrijiet] Agostinjani kellhom il-kunvent tagħhom meqrud fl-1551. Wara kunċert organizzat mill-*Augustinian Cloister Foundation* fil-Kunvent ta' San Mark – Rabat (Malta).

**Inawgurazzjoni tal-Biblical Garden**. Post: *Millennium Chapel* – Paceville

Ċelebrazzjoni tal-Avvent u l-Milied fil-Kunventi u l-Knejjes kollha tagħna u wara ssir ikla fraterna bejn l-aħwa kollha tal-Provinċja.

## Jannar 2017

**19/1: Mument ta' talb għall-għaqda tal-Insara** f'koordinazzjoni mal-Arċidjoċesi u Knejjes oħrajn. *Post: Parroċċa ta' Santu Wistin – Valletta*.

**24/1: Djalogi Agostinjani fit-Toroq tal-Ħajja –** *Kelliem mistieden*: L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal GianFranco Ravasi – President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura. *Post: Sala Santa Monika – Triq Tereża Spinelli - Gżira.*

# Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja

**2016 - 14 ta' Settembru - 2017**

## Frar 2017

**22/2:** **Seminar fuq ir-Regola ta' Santu Wistin**. *Kelliem:* Patri Salvinu Caruana OSA. Mistiedna dawk ir-reliġjużi kollha li għandhom ir-regola tagħna u dawk il-persuni kollha li jaqsmu magħna l-istess spiritwalità.

Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar, il- Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja se torganizza mument ta' formazzjoni bit-tema: "*Il-kontribut tal-Provinċja Agostinjana barra minn Malta.*" (16/2).

## Marzu 2017

**Preżentazzjoni tal-Ktieb tat-tfal dwar il-Ħajja ta' Santu Wistin fl-iskejjel tagħna**. Il-kitba hi ta' Andrew Borg waqt li l-animazzjoni hija ta' Nicole Diacono.

**Isiru l-irtiri tar-Randan** fil-komunitajiet tagħna.

Fuq bazi lokali f'dan ix-xahar issir iċ-ċerimonja tal-Gradwazzjoni fl-Istitut Agostinjan u ċ-Ċentru għall-Istudji Agostinjani u r-Riċerka tal-Provinċja (31/3).





## April 2017

**24/4:** **Fl-okkażjoni tal-Konverżjoni ta' Santu Wistin: '*Oratorio a Sant' Agostino*' ta' Mro Domenico Anastasi.** Dan il-Kunċert se jitmexxa mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Maestro John Galea. Dan il-kunċert se jkun taħt il-Patroċinju tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech OSA. Post: Parroċċa ta' Santu Wistin – Valletta.

**Open weekend – Kunvent ta' San Mark – ir-Rabat.**

Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb fil-Kunvent ta' Paceville (20/4).

## Mejju 2017

**14-23/5:** Żjara Kanonika tal-Pirjol Ġenerali tal-Ordni Padre Alejandro Moral OSA. Din se tkun l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu lill-Provinċja u matulha se jżur il-komunitajiet u r-realtajiet kollha tagħna.

**Għoti tal-Affiljazzjoni tal-Ordni** lil diversi persuni f'pajjiżna.

**21/5:** **Festa Titulari ta' Santu Wistin fil-Parroċċa tal-Belt u wasla tax-xbieha titulari l-ġdida fl-istess Parroċċa**.

Fuq bażi lokali matul dan ix-xahar isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi ta' Santa Rita fil-komunitajiet kollha tagħna. Għal din is-sena Bi-Ċentinarja se tinġieb ir-relikwija tagħha minn Cascia. Il-Festa ta' Santa Rita fil-Belt se tkun ċelebrata nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju waqt li dik fil-Kappella tal-Buskett se ssir il-Ħadd 28 ta' Mejju.

**28/5:** **Festa Familja Agostinjana** organizzata mill-Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja bit-tema: "*Il-kontribut tal-Agostinjani fis-soċjetà u fil-Knisja f'Malta fil-futur*."

# Programm tal-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja

## 2016 - 14 ta' Settembru - 2017

## Ġunju 2017

**24-25/6: Open weekend fil-Kunvent tagħna tal-Belt**.

**Issir il-preżentazzjoni tas-somma miġbura mill-Provinċja kollha biex noffruha lill-Onor Ministru tas-Saħħa Dr Chris Fearne biex biha jinxtara makkinarju ġdid fl-Isptar Mater Dei.** Dan hu ġest ieħor ta' solidarjetà li xtaqna nagħmlu lill-poplu tagħna.

**Isir it-tieni irtir annwali tal-Provinċja**.

## Lulju 2017

**14/7: Tibda l-esperjenza missjunarja fil-Kenya** mill-Grupp tas-Segretarjat tal-Missjonijiet tal-Provinċja. Il-funzjoni tal-Għoti tas-Salib lil dawn iż-żgħażagħ issir fil-25/6.

**21/7: Attività soċjali** fil-grawnds tal-Kulleġġ għall-familjari, ħbieb u benefatturi kollha tagħna b'ringrazzjament.

Fuq bażi lokali matul dan ix-xahar se jkollna: (a) ) il-25 anniversarju saċerdotali ta' Patri Joseph Zammit OSA (7/7 – Tarxien), kif ukoll (b) il-50 anniversarju saċerdotali ta' Patri Luċjan Borg OSA (9/7 – Paceville).





## Awwissu 2017

**28/8:** **Niċċelebraw il-Festa ta' Santu Wistin f'Għawdex**. Quddiesa Pontifikali fil-Katidral tad-Djoċesi mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Mario Grech – Isqof ta' Għawdex. Janima l-Kor u l-Orkestra *Stella Maris* mmexxi minn Mro Carmel Peter Grech.

## Settembru 2017

**14/9:** **Għeluq uffiċjali tas-Sena Bi-Ċentinarja b'Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Arċisqof Charles J Scicluna fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann**. Jieħdu sehem f'din l-Ewkaristija, il-Pirjoli Provinċjali, l-Isqfijiet Maltin, il-Provinċjali u s-Superjuri kollha tal-Ordnijiet Reliġjużi f'Malta flimkien mal-Kappillani tal-Parroċċi tal-postijiet fejn inservu f'pajjiżna flimkien ma' Reliġjużi u Saċerdoti oħra *old boys* tagħna u ħbieb tal-Provinċja tagħna. Għal din il-quddiesa tal-għeluq se jkunu mistiedna wkoll id-dinjitarji kollha tal-pajjiż flimkien ma' dawn kollha li jaqsmu magħna l-kariżma tagħna fir-realtajiet kollha fejn ngħixu u nagħtu servizz. Il-kor u l-Orkestra se jkunu f'idejn in-*New Choral Singers*.

## Inizjattivi oħra matul din is-sena

**Xhieda ta' ħajja Evanġelika:** Hu ttamat li matul din is-sena Bi-Ċentinarja jingħata bidu għall-Proċess formali biex tinbeda l-kawza tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' Fra Grazzja Gauci OSA. Dan se jsir fid-Djoċesi ta' Għawdex.

**Pubblikazzjonijiet:** Minbarra l-pubblikazzjoni *Vetustior Glorior* ta' Patri Mark Cauchi OSA u Dr Simon Mercieca li għadu kif ħareġ riċentament, f'din is-sena Bi-Ċentinarja hemm ippjanati li joħorġu 4 pubblikazzjonijiet ġodda. Dawn huma:
(a) *Spirituality, Devotions and Traditions of the Augustinian Frairs in Gozo – Commemorating The 200th anniversary of the foundation of the Maltese Province: 1817-2017 & The 300th anniversary of the present Priory in Gozo: 1717-2017.* Dan hu studju ta' Patri Peter Paul Cachia OSA;
(b) *Searching and Confessing. Aspects of Augustine of Hippo's Spirituality; (ċ) Monika. Qaddisa, armla, omm u filosofa; (d) Wistin ta' Ippona. Daħla għall-ħsieb u l-kitba tal-Qaddis Isqof ta' Ippona.* Dawn l-aħħar tliet xogħlijiet huma ta' Patri Salvino Caruana OSA

**Impenn soċjali:** F'din is-sena Bi-Ċentinarja l-Provinċja qed timpenja ruħha konkretament f'żewġ proġetti bi sfond soċjali. *L-ewwel wieħed* hu l-ftuħ ta' post fil-binja tal-Kunvent tar-Rabat (Malta) biex ikun offrut lill-persuni refuġjati jew persuni oħra fi bżonn. Minbarra li qed 'noffru' post, il-Provinċja hi impenjata li takkumpanja b'mod ħolistiku lil dawn il-persuni f'dak kollu li jkun hemm bżonn. *It-tieni inizjattiva* bl-istess sfond hi somma - miġbura mill-postijiet kollu fejn ninsabu - li l-Provinċja se toffri lill-Isptar *Mater Dei* biex biha jinxtara makkinarju li jgħin għas-saħħa tal-poplu Malti.

**Mument ta' Tiġdid:** F'dan iż-żmien meta qed jiġi mfakkar dan l-anniversarju, il-Provinċja qed toffri lil kull reliġjuż tagħha l-possibilità li jagħmlu pellegrinaġġ bi sfond spiritwali li jservi bħala mument ta' tiġdid personali.

**Formazzjoni:** Tħejja programm ta' formazzjoni biex ikun jista' jiġi mxandar fuq *RTK, Radju Marija* flimkien ma' *Leħen is-Sewwa* u ġurnali oħra biex f'dan iż-żmien jiġi mxerred materjal ta' formazzjoni u informazzjoni Agostinjana.



Sibt
Habbejt
Fittixtek





*Preżenzi tagħna f'Malta, f'Għawdex u barra minn xtutna*




# Kunvent Santu Wistin – ir-Rabat (Malta)

Dan il-kunvent huwa d-Dar Provinċjali minħabba li fiha jgħix il-Pirjol Provinċjali. Minn dan l-istess kunvent jiġu koordinati diversi ħidmiet u uffiċji tal-Provinċja u fih tinsab ukoll il-Bibljoteka prinċipali tal-Provinċja. F'din l-istess komunità jsiru esperjenzi ta' dixxerniment għal dawk iż-żgħażagħ li jkunu qed jiskopru diversi sejħat f'ħajjithom. F'dawn l-aħħar snin u b'kolloborazzjoni mal-*Augustinian Cloister Foundation* qed isir proġett biex ikun jista' jitgawda l-patrimonju kulturali kbir li jinsab f'dan il-kunvent. Il-komunità fuq kollox tanima l-ħidma pastorali kemm fl-istess knisja konventwali tal-Kunvent iddedikata lil San Mark, u taqdi wkoll lill-komunijiet insara fil-Buskett u minn Jannar 2015 iz-zona pastorali fil-Baħrija.





# Kunvent Santu Wistin – Valletta




Dan il-kunvent antik u ċentrali fil-Belt Valletta llum - kważi għal dawn l-aħħar 50 sena - jaqdi l-funzjoni li janima l-ħidma parrokkjali fil-Parroċċa ta' Santu Wistin. Din l-istess knisja hi meqjusa wkoll bħala s-Santwarju ta' Santa Rita u fiha ssir ħidma pastorali qawwija kemm man-nies stess tal-Parroċċa kif ukoll mal-ħafna persuni li jżuruha minn Malta kollha tul is-sena kollha. F'din il-komunità wkoll, inbeda proġett biex b'għajnuna tal-*Fondazzjoni Soċjo-Kulturali Ambjentali Agostinjana* (*FSKAA*) li twaqqfet f'dawn l-aħħar snin, tesplora modi ġodda kif tista' taqsam l-patrimonju kulturali kbir ukoll li jinsab f'din il-binja. F'din l-istess komunità jinsabu kemm l-arkivji tal-Provinċja kif ukoll dawk mużikali tal-istess Provinċja.




# Kunvent Santu Wistin – ir-Rabat (Għawdex)

Dan l-uniku kunvent Agostinjan fid-Djoċesi ta' Għawdex huwa wkoll ġawhra oħra tal-Provinċja. Għal ħafna snin serva bħala Dar tan-Novizzjat tal-Provinċja. Tul is-snin, saret ħidma kbira fih biex ġie trasformat bħala Dar ta' irtiri u post fejn wieħed jista' jgħaddi jiem ta' riflessjoni, dixxerniment u akkumpanjament. Il-kunvent innifsu jgawdi minn storja antika ħafna – storja li llum għadha ħajja f'dan l-appostolat ġdid b'servizz lil bosta persuni Maltin u barranin li jżuruh.








# Kunvent San Nikola ta' Tolentino – Ħal Tarxien

Din il-komunità taqdi żona pastorali sabiħa ħafna f'Ħal Tarxien u fl-inħawi tal-madwar. Mal-Knisja u mal-Kunvent hemm ukoll il-ħidma fl-Oratorju Agostinjan... servizz sabiħ u kreattiv ħafna li ilu jsir għal snin twal u fih jintlaħqu l-etajiet kollha minn tfal – adolexxenti – familji – anzjani u gruppi oħra differenti. Ta' min isemmi li fis-snin tmenin, nofs il-binja tal-kunvent kollu (*fejn qabel kien hemm il-Kulleġġ Santu Wistin, qabel ma dan ġie trasferit f' Tal-Pietà*) ingħata kollu b'xejn mill-Provinċja lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Ursolini ta' Sant'Angela Merici biex dawn seta' jkollhom post ieħor ġdid minn fejn ikomplu l-ħidma tagħhom mat-tfal.




# Kunvent San Tumas minn Villanova – Kulleġġ Santu Wistin – Tal-Pietà

Din il-komunità hi responsabbli mill-pastorali edukattiva fil-Provinċja. Flimkien ma team edukattiv kbir, tmexxi l-Kulleġġ ta' Santu Wistin li llum jinkorpora fih żewġ *campus:* dak Primarju fil-Marsa u dak Sekondarju f'Tal-Pietà stess. Minn din il-komunità hi koordinata wkoll il-ħidma tal-Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja u l-aħwa f'din il-komunità joffru wkoll servizz pastorali fil-*weekends* fil-Kappella ta' Santa Rita f'San Ġiljan. Fiż-żona ta' Tal-Pietà (*fil-binja magħrufa bħala Dar San Ġużepp*) insibu wkoll l-Istitut Agostinjan u ċ-Ċentru għall-Istudji Agostinjani u r-Riċerka tal-Provinċja.





# Kunvent Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb – Paceville




Din il-komunità f'dan il-post turistiku tieħu ħsieb il-ħidma pastorali kemm tal-Knisja li hi taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb, il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni u dik soċjali fil-proġett tal-*Millennium Chapel* u l-*WOW* (*Wishing Others Well*), kif ukoll is-servizz fil-Kappella ta' Santa Rita f'San Ġiljan (*wara li fil-Kapitlu Provinċjali Ordinarju 2014 kienet saret l-għażla li l-aħwa reliġjużi f'dawn l-inħawi jgħixu f'komunità waħda*). Minn din il-komunità hi koordinata wkoll il-ħidma tas-Segretarjat tal-Missjonijiet tal-Provinċja li issa ilha għal dawn l-aħħar għoxrin sena ittella' gruppi ta' żgħażagħ fil-missjonijiet tagħna tal-Brażil u fil-Kenja.

Minbarra dawn il-preżenzi f'Malta u f'Għawdex, il-Provinċja għandha diversi reliġjużi li jservu fis-***Santa Sede* fil-Vatikan** (*L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech OSA*), fil-Kurja tal-Ġeneral f'**Ruma**, fil-Kulleġġ ta' Santa Monika f'**Ruma** wkoll, fil-Provinċja **Taljana**, fil-Provinċja **Brażiljana** u f'**Kuba.**

# Lil Alla waħdu glorja.

Ir-reliġjużi Agostinjani
f'Malta għal aktar minn sitt sekli,
li mill-Kunvent tar-Rabat, meqjus bħala l-benniena tal-Agostinjani,
xterdu għal imkejjen oħra f'dawn il-gżejjer u lil hinn minnhom,
hekk kif qegħdin ifakkru
il-mitejn sena mit-twaqqif
tal-Provinċja Agostinjana ta' San Mark, Malta,
jagħtu ġieħ u glorja
lil Alla għall-grazzji li fuqhom xerred,
l-akbar fosthom,
li jkunu ta' qadi għall-poplu Malti,
waqt li b'radd ta' ħajr isellmu
lir-reliġjużi Agostinjani li minn dan il-kunvent
tħejjew biex jimxu fuq il-passi
ta' Santu Wistin, missierna, għall-qadi tal-Knisja.



1817 – 14 ta' Settembru – 2017



Ħabbejtek
Fittixte
Sibt

Produced by www.dmax.tv

# Kuntatti:

| | |
|---|---|
| **Pirjol Provinċjali:** | Rev Dr Ray Francalanza OSA STHD |
| **Email:** | rayfrancalanza@outlook.com |
| **T:** | 21224439 |
| **Segreterija Provinċjali:** | Patri Raphael Abdilla OSA |
| **Email:** | raphaelabdillaosa@gmail.com |
| **T:** | 21454111 |
| **Website:** | www.agostinjani.org |
| **Facebook:** | Augustinians Malta |

Aħwa Agostinjani Maltin